Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

[Av. Danika M. Vella]
[Spettur Dorianne Tabone]
[Spettur Eman Hayman]

vs

Shambhu Kunnathu Rejimon

Kumpilazzjoni Numru: 449/2023

Illum, sebgha (7) ta' April, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Shambhu Kunnathu Rejimon** detentur tal-Passaport Indjan bin-numru R9591956 akkuzat talli f'isem ir-

Repubblika ta' Malta akkuzat talli gewwa dawn il-gzejjer, matul ix-xahar ta' Gunju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Wettaq att ta' natura sesswali minghajr kunsens, liema att fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq il-persuna ta' -Omissis-, imwieled nhar -Omissis-, liema persuna hija minuri; liema delitt sar ripetutament; liema persuna hija vulnerabbli stante illi huwa taht il-hmistax (15)-il sena;** ***Artikolu 18, 207, 202 (g), (j), (k), 208AC (2)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

2. **U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax-il sena u cioè lil -Omissis-, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax (12)-il sena;**

*Artikolu 18, 203 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, agixxa bhala xufier ta' vetturi zghar ghall-garr tal-passiggieri minghajr ma kellu permess validu ta' xufier mahrug skont ir-regolamenti dwar is-servizzi ta' garr ta' passiggieri b'vetturi zghar u servizzi ta' kiri ta' vetturi;

   *Regolamenti dwar is-servizzi ta' garr ta' passiggieri b'vetturi zghar u servizzi ta' kiri ta' vetturi Reg. 38, Reg. 67 (2)(a) S.L 65.33;*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6 (2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawza, u f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont

**il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittma msemmija;**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;**

**Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minn barra li tinfliggi il-piena stabbilita skont il-ligi joghgoba tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Shambhu Kunnathu Rejimon ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' April, 2024 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 202 (g)(j)(k), 207, 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 203 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fir-regolamenti 38 u 67 (2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.33 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-artikoli 17, 18, 31, 383, 384, 385, 412C, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena 2025.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi xehdet **l-Ispettur Dorianne Tabone** li pprezentat tmien (8) ritratti tal-allegat minivan fejn sehh l-allegat reat, screenshot ta' chat bejn l-akkuzat u omm il-vittma minuri kif ukoll stqarrija awdjo-viziva tal-akkuzat li ttiehdet fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena 2023. Tixhed li s-screenshot gie mghoddi lilha minn omm il-vittma minuri. Inkontroezami tghid li r-ritratti tal-minivan ittiehdu fl-erbatax (14) ta' Gunju 2023 mis-Surgent PS 717 wara li l-istess minivan ingab id-Depot mill-Manager tal-kumpanija li tuza l-minivan. Tghid li hi ma tafx meta sehh il-komunikazzjoni tramite chat bejn l-akkuzat u omm il-vittma minuri. Tixhed li fuq ic-chat hemm indikat li l-akkuzat informa lill-omm il-vittma minuri li l-istess vittma minuri pinga tpingija kontra tieghu. Tghid li hi taf li l-genituri tal-vittma minuri mhumiex mizzewgin.

Illi xehed il-vittma minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva li kellu sitt (6) snin meta sehh l-allegat reat u li xehed bil-lingwa Ingliza. Jghid li hu jattendi l-iskola ta' -Omissis- u wasal fi Grad 2. Jixhed li qabel ma sehh l-allegat reat hu kien imur l-iskola bil-vann u llum il-gurnata twasslu ommu. Jispjega li l-vann kien ta' lewn abjad u kien ipoggi hdejn shabu -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- li jattendu l-iskola ta' -Omissis-. Jixhed li fuq il-vann

kien ipoggi fejn irid izda l-iktar fuq quddiem mal-habib tieghu -Omissis-. Jispjega li hu kien ipoggi hdejn ix-xufier tal-vann u fuq in-naha tax-xellug tieghu kien ipoggi x-xufier l-antik. Jixhed li dan ix-xufier l-antik huwa certu Shambhu li kien idejqu stante li kuljum kien jaqbadlu rasu kif ukoll il-parti privata tieghu. Jixhed li filghodu kien ipoggi fuq wara tal-vann u mbaghad waranofsinhar kien ipoggi fuq quddiem u li l-allegati reati kienu jsehhu waranofsinhar. Jixhed li s-sewwieq l-iehor li kien ikun hdejh jismu Jols u ma kienx jara lill-akkuzat imissu. Jippreciza li l-akkuzat kien imissu fuq il-hwejjeg u hu kien dejjem jghidlu biex jieqaf izda l-akkuzat kien ikompli. Jixhed li hu kien qal lil missieru dwar dan kollu u kien ghalhekk li l-akkuzat kien irrabjat mieghu. Jixhed li t-tpingija esebita a fol. 31 tal-atti processwali hija tieghu. Jghid li meta qal lill-akkuzat li kien ghadu kif informa lil missieru dwar l-akkadut l-akkuzat wiegbu lura b'kelma goffa u li ma jimpurtahx. Ikompli jixhed li hu kien ipoggi fuq quddiem stante li kien hemm tifel iehor fuq il-vann ta' seba' (7) snin li kien jiggieled fizikament mieghu rigward il-karti tal-loghob li kienu jgemmghu. Jghid li kien is-sewwieq li kien jghidlu biex ipoggi fuq quddiem filwaqt fejn kien anke jigbdu mill-flokk biex ipoggi fuq quddiem. Jixhed li hu kien

ihossu rrabjat meta l-akkuzat kien iwettaq l-allegati fatti filwaqt li l-akkuzat kien ikun kuntent.

Inkontroezami jghid li hu kien beda joqghod fuq quddiem stante li l-Kap tal-iskola u cioè certu Ms. -Omissis- kif ukoll Ms. -Omissis-, taw struzzjonijiet lill-akkuzat sabiex jaccerta ruhu biex ipoggi fuq quddiem tal-vann u dan wara incident li sehh fl-isports day. Jghid li hu kien iggieled ma' -Omissis- minhabba dizgwid fuq karti li kienu jgemmghu. Jghid li habib iehor tieghu bl-isem ta' -Omissis- kien jikxef il-warrani tieghu kif ukoll il-parti privata ta' quddiem. Jghid li dan -Omissis- kien anke jgieghlu biex jikxef il-parti privata tieghu stess. Jixhed li meta kien ikun fuq quddiem kien ikun hemm drabi fejn jilbes ic-cinturin tas-sigurtà u drabi ohra le. Jghid li fil-fatt l-akkuzat u Jols kienu jghidulu biex jilbes ic-cinturin. Jikkonferma li ommu kienet tkun qieghda tistennih biex jinzel mill-vann gewwa l-Mellieha izda hafna mid-drabi kien jinzel San Gwann. Jixhed li meta kien jinzel San Gwann kien ikun l-ewwel wiehed li jinzel mentri l-Mellieha kien ikun l-ahhar wiehed. Jippreciza li meta kien iwettaq l-allegat reat l-akkuzat Jols ma kienx jarah izda meta hu kien jirritalja billi jaghti daqqa fuq id l-akkuzat Jols kien jara x'inhu jigri u ma jghid xejn. Jghid li hu ma

kienx jghid lil Jols x'kien ghadu kif ghamel l-akkuzat izda kien jghidlu li qieghed jiffittah. Jikkonferma li ommu u missieru kienu jafu li kellu joqghod fuq quddiem stante li qalilhom u kien ikun evidenti li kien ikun fi glied stante li kien ikollu l-grif. Jixhed li t-tpingija kien pingiha wara li beda joqghod fuq quddiem tal-vann u ghaliex kien ikun frustrat u rrabbjat lejn is-sewwieqa. Izid jghid li mhux l-ewwel darba li uza kelma goffa.

Illi xehed <u>l-Ispettur Eman Hayman</u> li jghid li fit-tmienja (8) ta' Gunju 2023 kien dahal l-Ghassa tal-Imsida u kien gie infurmat li kien hemm missier fi stat panikuz flimkien ma' ibnu ta' sitt (6) snin. Jixhed li dan stqarr li kien hemm xufier ta' vann tal-iskola li allegatament mess lil ibnu b'mod indicenti. Jixhed li l-missier kompla jistqarr li hu nduna b'dan meta gabar lil ibnu hekk kif nizel mill-vann tal-iskola u beda jinnota li ibnu kellu atteggjament mhux tas-soltu u cioè wiehed ta' biza'. Jixhed li l-vittma minuri stqarr ma' missieru li x-xufier kien messlu l-parti privata tieghu. Jixhed li dan kien isehh meta l-vittma minuri jkun ser jinzel -Omissis- stante li kien ikun sejjer ghand in-nanna materna. Jixhed li l-akkuzat bhala xufier kien jinsisti li l-vittma minuri jpoggi fuq quddiem. Jixhed li l-vittma minuri stqarr mieghu li dan l-incident

sehh darbtejn u li l-akkuzat kien ghamel l-istess mossa u cioè li kien qabad u zamm il-parti privata tat-tifel. Jixhed li l-ewwel (1) darba li sehh dan l-incident it-tifel tant kien taht xokk li ma qal xejn izda mat-tieni (2) darba l-vittma minuri ta daqqa fuq id l-akkuzat u qallu li ser ikellem lil missieru filwaqt li l-akkuzat wiegbu lura li ma jimpurtahx. Jixhed li komunikazzjoni saret kemm man-nanna materna kif ukoll ma' omm il-vittma minuri. In-nanna materna ma setghetx tipprovdi informazzjoni dwar l-atteggjament tal-vittma minuri wara li sehh l-allegat incident filwaqt li l-omm infurmatu li t-tifel kien joqghod fuq quddiem bejn l-akkuzat u s-sewwieq tal-vann. Jixhed li gie indikat li l-vittma minuri gieli kien ikun involut f'diversi glied ma' tfal ohra. Jixhed li b'din l-informazzjoni hu kkuntattja l-Vice Squad u kellem lill-Ispettur Dorianne Tabone.

Ikompli jghid li wara iktar investigazzjonijiet sar jaf li l-vann mertu tal-kawza kien bin-numru EPY-034 kif ukoll li x-xufier propja tal-vann kienet persuna ohra filwaqt li l-akkuzat kien joqghod fuq quddiem tal-vann ukoll.

Inkontroezami jixhed li l-Kap tal-iskola u l-haddiema tal-iskola fejn jattendi l-vittma minuri kienu jafu li l-vittma minuri nqabad diversi drabi fi glied ma' tfal ohra. Jikkonferma li l-akkuzat kien passiggier u mhux ix-xufier tal-vann tal-iskola. Jikkonferma li missier il-vittma minuri huwa Ingliz u jirrisjedi gewwa l-Ingilterra. Jghid li l-vittma minuri ma kienx fetah qalbu m'ommu dwar l-allegat reat.

Illi xehed **-Omissis-** bil-lingwa Ingliza u li huwa missier il-vittma minuri. Jghid li hu jahdem barra minn Malta izda jigi lura Malta 'l hemm u 'l hawn meta jkun imissu jkollu access mal-minuri. Jixhed li dakinhar li kien sejjer l-iskola sabiex jigbor lil ibnu nzerta lill-akkuzat li hadlu b'idejh u bdew jitkellmu fuq il-fatt li stante li kien hemm problemi ta' dixxiplina ibnu kellu jpoggi fuq quddiem. Jghid li hu seta' jinnota li l-akkuzat kien agitat. Izid jghid li hu baqa' sejjer ma' ibnu sabiex jieklu xi haga mill-istabbiliment Eeetwell. Izid jghid li kien hemmhekk li ibnu stqarr mieghu li l-akkuzat kien qabadlu l-parti privata. Jixhed li l- minuri kompla jispjegalu li l-akkuzat kien anke jaghmel idejh fuq hogru, fuq xaghru filwaqt li anke kien jghawwiglu l-karti tal-Pokémon. Jixhed li ibnu spjegalu kif hu kien jghid lill-akkuzat sabiex jieqaf izda hu kien wiegbu lura

li ma jimpurtahx. Jixhed li kien ghalhekk li hu ha lil ibnu sal-Ghassa tal-Pulizija fejn hu rrakkonta l-istorja b'mod konsistenti. Jixhed li huwa possibbli li sabiex jesprimi r-rabja tieghu lejn dan l-incident ibnu kien iddecieda biex ipingi t-tpingija a fol. 31 tal-atti processwali.

Inkontroezami jghid li hu ma jafx id-data ezatt meta sehh l-allegat incident. Apparti minn hekk ibnu ma tah ebda indikazzjoni ta' kemm-il granet jew gimghat ghaddew mill-allegat incident. Jixhed li fiz-zmien li gabar lil ibnu mill-iskola hu kien fil-kustodja t'ommu. Jixhed li hu kellem lil omm il-vittma minuri -Omissis- meta mar l-Ghassa tal-Pulizija u qalilha b'dak kollu li allega l-vittma minuri. Izid jghid li ibnu ma kienx qal lil ommu dwar dan kollu u li kien qal lilu biss stante li hemm relazzjoni unika u specjali bejnu u bejn il-vittma minuri. Jixhed li ghar-rigward kif kienu jpoggu t-tfal fuq il-vann kien hemm tip ta' ftehim fejn il-vittma minuri jpoggi fuq wara tal-vann filghodu filwaqt li waranofsinhar ipoggi fuq quddiem. Jixhed li ibnu kien stqarr mieghu li l-akkuzat kien qieghed isuq dak il-hin li gara l-allegat reat. Jixhed li ibnu qatt ma qallu li kien ikun hemm persuna ohra fuq in-naha xellugija tieghu. Jixhed li xoghlu huwa dak ta' Inginier.

Illi xehdet **-Omissis-** li hija omm il-vittma minuri u tghid li hi kienet saret taf bl-allegat incident meta kien cempel l-eks ragel taghha mill-Ghassa tal-Pulizija f'April jew Mejju tas-sena 2023. Tghid li hi marret tiltaqa' mal-vittma minuri u ma' missieru fejn gie spjegat lilha dak kollu li gara. Tikkonferma li binha qatt ma fetah qalbu fuq din il-kwistjoni. Tghid li l-eks ragel taghha infurmaha li l-akkuzat kien mess lil binha b'mod indicenti filwaqt li qallu kliem mhux xieraq.

Inkontroezami tghid li binha kien dejjem sahaq li l-akkuzat kien qieghed isuq meta sehh l-allegat incident. Tghid li rapporti rigward l-atteggjament hazin tat-tifel kienet irceviethom minghand ix-xufier. Tghid li minhabba f'hekk binha kellu jpoggi bilqieghda fuq quddiem tal-vann. Tghid li kien hemm zmien fejn -Omissis- kien ikun bilqieghda bejn zewgt (2) irgiel.

Illi xehdet **-Omissis-** li hija l-assistent kap tal-iskola -Omissis-. Tghid li s-sistema tat-trasport m'ghandhiex x'taqsam mal-iskola u li hija sistema li tuza l-genituri tat-tfal. Izzid tghid li hi saret taf bl-allegat reat mill-genituri tal-vittma minuri. Tghid li r-responsabbilità ta' x'jigri fuq il-vann huwa tal-kumpanija li

tipprovdi s-servizz ta' trasport u mhux l-iskola. Tghid li bejn Dicembru 2022 u l-Ghid tas-sena 2023 innutat li fuq il-vann tal-vittma minuri kien ikun hemm zewg (2) xufiera li kienu joqghodu fuq quddiem. Tghid li ma tafx jekk l-akkuzat kienx ix-xufier l-originali jew wiehed gdid. Tispecifika li fuq l-akkuzat qatt ma kien ikollha lmenti fuqu. Rigward ilmenti fuq l-atteggjament tal-vittma minuri hi tghid li kien ikun hemm ilmenti fuq hafna tfal minn diversi vannijiet stante li dawn kienu jkunu minghajr ebda supervizjoni.

Inkontroezami tghid li kien hemm xufier li kellimha rigward il-komportament tal-vittma minuri u l-imgiba hazina fuq il-vann. Tikkonferma li kien hemm anke rakkomandazzjoni taghha kif ukoll tal-ġenituri tal-vittma minuri li l-istess vittma minuri ghandu joqghod bilqieghda fuq quddiem tal-vann.

Illi xehed PS 717 Stephen Grima li jghid li fit-tnax (12) ta' Gunju 2023 hu esegwixxa mandat t'arrest fil-konfront tal-akkuzat u dan fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Dorianne Tabone. Jghid li l-akkuzat gie arrestat fir-residenza tieghu u cioè gewwa l-fond New York, Triq San Pawl, l-Imgarr. Jixhed li hu kien prezenti meta ttiehdet l-istqarrija tal-akkuzat li kien akkumpanjat mill-interpretu. Jixhed li

meta wettqu l-arrest huma spjegaw lill-akkuzat id-drittijiet tieghu skont il-ligi. Jixhed li fl-erbatax (14) ta' Gunju 2023 gew gewwa d-Depot is-sid tal-vann mertu tal-kaz u li kien juza l-akkuzat. Tali vann huwa ta' lewn abjad tal-ghamla Ford Transit bin-numru EPY-034. Is-sid ta' din il-vettura huwa certu Kevin Vella.

Illi xehdet **Dr Katya Vassallo** li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat liema traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1.

Illi xehdet **PC 2060 Grace Bianco** li tghid li fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena 2023 kienet inghatat struzzjonijiet mill-Ispettur Dorianne Tabone sabiex jesegwixxu mandat t'arrest iffirmat mill-Magistrat Dr Joseph Gatt fil-konfront tal-akkuzat u dan rigward allegat korruzzjoni ta' minuri. Tghid li l-akkuzat kien jirrisjedi gewwa Belveder, Triq Sir Harry Luke, Imgarr. Tghid li meta l-akkuzat gie arrestat hi tatu d-drittijiet kollha skont il-ligi kif ukoll kopja tal-mandat li gie spjegat minn PS 707. Tixhed li l-akkuzat ittiehed il-Kwartieri Generali fejn komplew l-investigazzjonijiet.

Illi xehed <u>Dr Christopher Spiteri</u> ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta li pprezenta licenzja tas-sewqan tal-akkuzat prezenti kif ukoll dik li kellu fl-Indja. Ipprezenta wkoll tag li jindika li l-akkuzat jista' jsuq taxis. Dawn gew kollettivament immarkati bhala Dok. CS1.

Xehdet <u>PC2142 Graziella Psaila</u> li tghid li fit-tnax (12) ta' Gunju 2023 hi flimkien ma' PS 717 u PC 2060 esegwew mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat li gie ffirmat mill-Magistrat Dr Joseph Gatt. Tghid li l-arrest sehh fir-residenza tal-akkuzat u dakinhar stess harget ircevuta tal-affarijiet li gew elevati u cioè c-cellulari tal-akkuzat, passaport Indjan, licenzja tas-sewqan u driving identification mahrug minn Transport Malta.

Illi xehed <u>Keith Cutajar</u> li gie mahtur minn din il-Qorti fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena 2023 sabiex iwettaq analizi fuq cellulari pprezentat fl-atti processwali u mmarkat bhala Dok. DT4 tal-ghamla Vivo u ta' lewn vjola. Jikkonferma li saret analizi tas-sim cards u SD cards li kienu prezenti. Izid jghid li c-cellulari kien imsakkar b'password li ma kellux fil-pussess tieghu. Ipprezenta r-

rapport tieghu rigward s-SIM cards u l-SD cards immarkat bhala Dok. KC1.

Illi regghet xehdet **<u>l-Ispettur Dorianne Tabone</u>** li tghid li fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena 2023 giet infurmata mill-Ispettur Eman Hayman rigward allegat korruzzjoni ta' minuri. Tghid li l-Ispettur kien qalilha li hu kien kellem lill-vittma minuri tal-kaz de quo. Tixhed li l-istess Spettur spjegalha li missier il-vittma minuri nzerta kien Malta u gabar lil ibnu mill-iskola u l-vittma minuri kien qallu li x-xufier tal-vann kien mess il-parti privata tieghu u li tali incident kien sehh darbtejn. Filwaqt li l-ewwel (1) darba l-vittma minuri ma tax kaz ta' x'kien ghadu kif gara, it-tieni (2) darba però kien ta daqqa lix-xufier filwaqt li heddu biex ma jergax jaghmilha. Izzid tghid li kienet baghtet ghaz-zewg (2) genituri kif ukoll ghall-vittma minuri fejn hi saqsiet lill-vittma minuri ghal iktar dettalji dwar il-vann tal-kaz odjern. Tghid li l-minuri spjega kif hu kien ipoggi fuq quddiem hdejn ix-xufier u gieli kien ikun hemm persuna ohra bl-isem ta' Jols. Tixhed li missier il- minuri kien spjega kif hu kien iltaqa' mal-akkuzat u kien fi stat agitat. Tikkonferma li l-omm kienet talbet sabiex il-vittma minuri jibda jpoggi fuq quddiem tal-vann hdejn l-akkuzat stante li kien qieghed ikollu diversi

argumenti ma' tfal ohra. Tghid li -Omissis- kien pinga lill-akkuzat bi kliem goff stante li kien messlu l-parti privata.

Tkompli tixhed li fit-tnax (12) ta' Gunju 2023 kienet talbet mandat t'arrest fil-konfront tal-akkuzat u li gie ffirmat mill-Magistrat Dr Joseph Gatt. Tghid li l-akkuzat gie arrestat fir-residenza tieghu fejn inghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi u ghalhekk gie skortat gewwa d-Depot tal-Pulizija. Tghid li ttiehdet stqarrija awdjo-viziva flimkien mal-interpretu tieghu u dan wara li kkonsulta lill-avukat tal-fiducja tieghu. Tali stqarrija sehhet fil-prezenza taghha kif ukoll ta' PS 717. Tixhed li l-akkuzat cahad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu. Tikkonferma li hi kienet anke kellmet lill-kumpanija li timpjega lill-akkuzat li kkonfermaw li kien hemm diversi lmenti fuq il-vittma minuri stante li kien ikun involut f'diversi glied filwaqt li anke kien joqghod jobzoq fuq l-istess vann. Kien ghalhekk li l-vittma minuri kellu joqghod fuq quddiem. Izzid tghid li l-akkuzat kellu drivers tag skadut u ghalhekk mill-Ghid tas-sena l-ohra kien qieghed jassisti lil Jols sabiex isuq. Tikkonferma li anke l-Kap tal-iskola -Omissis- kienet ikkonfermat li rceviet hafna lmenti fuq l-atteggjament il-minuri -Omissis- u b'hekk ittiehdet decizjoni sabiex l-akkuzat ihallih ipoggi fuq

quddiem. Tkompli tghid li l-istess -Omissis- ma kintix taf jekk l-akkuzat kienx qieghed isuq jew inkella l-persuna l-ohra li kienet takkumpanjah. Tixhed li hi regghet kellmet lil -Omissis- li kkonferma l-verzjoni tieghu u kkonferma li kien l-akkuzat li kien qieghed isuq. Kien ghalhekk li fit-tlettax (13) ta' Gunju l-akkuzat tressaq il-Qorti. Ipprezentat ittra ta' drittijiet bil-firma tal-akkuzat, kopja tal-mandat t'arrest u driver's identification tag li skadiet fid-disgha (9) t'April 2023.

Inkontroezami tghid li l-pulizija li marru jarrestaw lill-akkuzat ma kellhomx ilmenti dwar l-atteggjament tal-akkuzat. Tghid però li meta hi hejjiet l-istqarrija tal-akkuzat, l-istess akkuzat kien taht xokk.

Illi rega' xehed **Keith Cutajar** li pprezenta rapport iehor din id-darba rigward l-informazzjoni li sab fuq ic-cellulari mmarkat bhala Dok. DT4. Tali rapport gie mmarkat bhala Dok. KC2.

Illi xehed minn jeddu l-akkuzat **Shambhu Kunnathu Rejimon** li jghid li hu gie Malta sabiex isib xoghol bhala xufier u dan minhabba il-problemi li l-pandemija tal-COVID kienet qieghda tohloq. Jghid

li hu kellu jsib mod kif ikun jista' jmantni l-familja tieghu. Jghid li hu ggradwat fil-finanzi u jippossjedi MBA u fil-fatt kien jghin lil missieru. Fil-fatt kellu l-intenzjoni li tmenin fil-mija (80%) tal-introjtu tieghu kien imur ghal familtu. Jixhed li hu jinsab f'relazzjoni ma' tfajla u l-intenzjoni kienet li jsib stabbilità f'Malta u jizzewweg. Jixhed li hu ilu Malta mill-ghaxra (10) t'April 2022. Izid jghid li hu ilu f'relazzjoni mal-gharusa tieghu ghal madwar ghaxar (10) snin. Jixhed li hu beda jahdem bhala xufier bejn l-ajruport u l-lukandi u wara hames (5) jew sitt (6) xhur hu akkwista t-tag u ghalhekk il-principal tieghu talbu biex ikun xufier ghal trasport tal-iskola. Jixhed li hu ghandu zewg (2) principali u cioè Conrad u Kevin Vella. Jikkonferma li filghodu hu kellu jwassal lit-tfal lejn -Omissis- u -Omissis- u waranofsinhar kellu jigbor it-tfal minn -Omissis- u l-iskola tal--Omissis-.

Jghid li meta beda jahdem ma' dawn l-iskejjel missier il-principal tieghu, certu Joe, kien jghallmu r-rotot. Fl-ewwel gimgha dan Joe kien isuq u mit-tieni gimgha kien hu stess li kien isuq il-vann. Jghid li fiz-zmien meta Joe kien qieghed isuq it-tfal obdew kull istruzzjoni li kien jinghatalhom izda meta hu kien beda jsuq it-tfal qatt ma kienu jisimghu minnu. Jikkonferma li ma kien ikun hemm

hadd li joqghodilhom ghassa. Jispecifika li t-tfal kienu jiggieldu l-hin kollu u jghajjru 'l xulxin. Jghid li mill-iskola ta' -Omissis- il-vittma minuri -Omissis- kien l-iktar imqareb fosthom. Jammetti li diversi drabi kien ikollu jwaqqaf il-vann u jinzel sabiex igieghel lit-tfal sabiex jieqfu u jikkalmaw. Jghid li dan -Omissis- kien jabbuzah verbalment filwaqt li anke jaghmillu mossi b'idejh fosthom is-saba' tan-nofs. Jghid li kien anke jinsulentah b'ommu u missieru. Ikompli jghid li kemm-il darba kien jirrapporta l-minuri lin-nanna tieghu li kienet fil-fatt tarah jiggieled mat-tfal l-ohra u dan wara li jkun waslu -Omissis-. Jghid li meta kien jinzel u jsikkithom kien jieqaf fuq bus stop. Jghid li t-tfal qatt ma kienu jobduh. Izid jghid li hu kien dejjem jirrapporta dan l-agir lill-genituri tat-tfal inkluz il-genituri tal-minuri -Omissis-.

Jixhed li darba jiftakar li omm -Omissis- kienet baghtitlu biex tinfurmah li missier l-istess minuri kien ser jigbor lit-tifel. Jghid li l-ewwel darba li ltaqa' ma' missier il-minuri kien l-ghada ta' meta dan kien iggieled ma' certu tifel jismu -Omissis-. Izid jghid li hu kien iltaqa' mieghu filghodu meta gabar lil ibnu mill-Mellieha. Jixhed li ma jiftakarx jekk kienx hadlu b'idejh darba minnhom fl-iskola meta mar jigbor lil ibnu izda jiftakar li kien kellmu dwar -

Omissis-. Izid jghid li l-Kap tal-Iskola kienet kellmitu tramite telefonata darba minnhom fl-erbgha ta' waranofsinhar sabiex issaqsih jekk kienx hemm xi hadd li kien qieghed jaghtih il-problemi fuq il-vann. Jghid li kien spjega lill-Kap tal-Iskola li kien hemm glieda kbira bejn il-vittma minuri u certu -Omissis- fejn dawn it-tnejn kienu anke weggghu lil xulxin. Kien ghalhekk li filghodu kien iqieghed lil -Omissis- fuq quddiem filwaqt li l-vittma minuri kien ipoggi fuq wara u vici versa waranofsinhar. Jixhed li meta rrapporta l-glieda lil missier il-vittma minuri dan kien irrabjat mieghu stante li hass li ibnu kellu iktar griehi minn -Omissis-. Jghid li jista' jaghti l-kaz li missier -Omissis- ma tantx jarah f'lenti tajbin stante l-fatt li huwa mill-Indja u jipprattika l-Induizmu dan iktar u iktar meta tqis li n-nanna materna kienet digà saqsietu hafna mistoqsijiet personali dwaru.

Izid jghid li l-Kap tal-iskola kienet avvicinatu wara l-isports day sabiex tghidlu li -Omissis- ghandu jpoggi fuq quddiem u jekk ipoggi fuq wara allura kien il-kompitu tieghu li jirrappurtah. Jixhed li dan anke kien is-suggeriment ta' omm l-istess minuri u dan tramite messaggi fuq WhatsApp. Jixhed li -Omissis- ma hax din id-decizjoni b'mod tajjeb. B'referenza ghat-tpingija a fol. 31 tal-

atti processwali jghid li dan kien messagg li hu baghat lill-omm il-minuri. Dik il-gurnata partikolari omm il-vittma minuri digà kienet kellmitu sabiex binha joqghod fuq quddiem. Jikkonferma li -Omissis- ma jhobbx jilbes ic-cinturin tas-sigurtà u kien joqghod iwaddab il-karti tieghu tal-Pokémon minn quddiem ghal wara lejn it-tfal l-ohra. Kien ghalhekk li t-tfal fuq wara iktar iggennu sabiex jigbru l-karti tal-Pokémon u hu saqsa lill-minuri sabiex jobdi. Jghid li l-vittma minuri hareg whiteboard u penga t-tpingija li tinsab a fol. 31 tal-atti processwali. Jghid li l-vittma minuri kien anke qallu l-kliem li hemm indikati fuq l-istess tpingija bil-fomm. Jghid li -Omissis- haseb li kien minhabba fih stess li kellu jpoggi fuq quddiem. Jghid ukoll li fuq ic-cellulari tieghu hemm anke registrazzjonijiet ta' -Omissis- juza kliem goff lejh kif ukoll lejn tfal ohra.

Izid jghid li Jose dahal fix-xena f'Mejju u Gunju tas-sena 2023 stante li l-licenzja tas-sewqan kienet gia skadiet u ghalhekk il-kumpanija impjegat xufier iehor. Stante li din il-persuna ma kinitx taf ir-rotta kien il-kompitu tieghu li jghallimlu tali rotta tal-iskola. Jghid li darba minnhom il-vittma minuri kien waddab qalziet ta' taht lejn Jose. Jghid li rigward l-allegazzjoni tal-vittma minuri li hu

kien messu b'mod mhux xieraq hu qatt m'ghamel hekk. Jixhed li bil-mod kif gie mrobbi hu qatt ma jasal biex jaghmel dawn l-affarijiet. Jixhed li fir-religjon tieghu kien gie mghallem li n-nies anzjani u t-tfal ghandhom jigu ttrattati bhala angli jew allat. Jixhed li Jose jipprattika l-fidi Nisranija. Jghid li l-gurnata li kienet ittihditlu l-istqarrija hu kien taht stress mentali u kien imkisser u dak li qal kien il-verità.

Inkontroezami jghid li fil-messagg li baghat lil omm il-vittma minuri hu baghat emoji bi tbissima stante li huwa l-prassi tieghu li ma jiggilidx mal-genituri u mhux biex jitwemmen iktar mit-tifel. Jixhed li hu qatt ma semma l-possibilità li n-nanna materna kellha pregudizzju lejh mal-pulizija stante li hu kien nervuz dakinhar u kien qieghed iwiegeb ghad-domandi li qeghdin isirulu. Jikkonferma li hu ma kienx jirrapporta lit-tifel lill-iskola izda lil ommu. Jghid li hu ta l-licenzja tas-sewqan lill-Ispettur dakinhar tal-istqarrija. Jghid li Jose beda jsuq il-vann f'Mejju u Gunju 2023. Jixhed ukoll li l-licenzja kienet skadietlu f'Marzu u April tas-sena 2023 u ghalhekk bejn dak il-perjodu kien gie xufier Malti darba wahda filghodu bl-isem ta' Alfred.

Illi xehed <u>Jose Vadakkeveliyil Kunjappan</u> li jghid li hu jahdem bhala xufier mal-kumpanija Kopta-Co. Jixhed li hu kien mal-akkuzat stante li l-istess akkuzat kien qieghed jaghtih l-istharrig. Jixhed li hu wasal Malta fi Frar tas-sena 2023 u beda jahdem bhala trainee f'April ta' 2023. Jixhed li l-akkuzat kien jghallmu r-rotta mill-iskola lejn fejn kien ikollu jigbor u jnizzel it-tfal tal-vann. Jikkonferma li hu kien ikun qieghed isuq. Jixhed li l-akkuzat kien ikun bilqieghda hdejh fuq quddiem mentri t-tfal kienu jkunu qeghdin jaghmlu l-istorbju fuq wara tal-vann. Jghid li dan kollu kien ta' ostaklu ghalih f'xoghlu. Jixhed li gieli fuq quddiem kienu jpoggu genituri jew ghalliema. Jiftakar li kien ikun hemm il-vittma minuri li kien ipoggi fuq quddiem stante li kien jiggieled hafna u kienet decizjoni tal-ghalliema u l-genituri tal-istess vittma minuri li jpogguh fuq quddiem tal-vann. Jghid li l-vittma minuri kien ikun fin-nofs bejnu u bejn l-akkuzat u fil-fatt kien ihobb inehhi c-cinturin tas-sigurtà. Izid jghid li dan it-tifel kien anke joqghod iwaddab il-karti tal-loghob lejn it-tfal li kienu jkunu fuq wara tal-vann.

Ikompli jghid li l-minuri -Omissis- kien anke joqghod juza kliem mhux xieraq u jaghmel mossi goffi b'dana li johrog is-saba' tan-

nofs li kien ikun indirizzat lejn l-akkuzat. Jixhed li darba minnhom il- minuri -Omissis- kien anke penga tpingija b'referenza lejn l-akkuzat sabiex jinsulentah b'ommu. Izid jghid li jaf li hemm allegazzjoni li l-akkuzat mess lill-minuri b'mod mhux xieraq u cioè billi messlu l-parti privata. Jixhed li dan qatt ma sehh stante l-fatt li kien l-akkuzat stess li spjegalu li huwa importanti li t-tfal qatt m'ghandek tmisshom. Jixhed li l- minuri kien ikun bilqieghda fin-nofs sabiex ma jkunx hdejn il-bieb u jikkawza xi periklu billi jiftah il-bieb.

Inkontroezami jghid li hu beda l-istharrig tieghu fl-ahhar t'April tas-sena 2023. Jghid li hu u jsuq ikun qieghed ihares 'il quddiem, lejn il-mirji tal-gnub kif ukoll tan-nofs. Jixhed li hu u l-akkuzat kemm-il darba wettqu lmenti dwar il-minuri -Omissis- mal-principal taghhom kif ukoll mal-omm u n-nanna materna tal-istess. Jixhed li fl-Indja huwa permissibbli li tiddixxiplina tifel billi taqbadlu jdejh izda hawn Malta din il-haga mhix permissibbli.

Illi xehed <u>**Kevin Vella**</u> li jghid li hu jiehu hsieb kumpanija tat-trasport tat-turisti kif ukoll ta' tfal tal-iskola bl-isem ta' MT Logistics PMS Limited. Jghid li l-akkuzat ghadu jahdem bhala

xufier. Jixhed li hu qatt ma kellu problemi bih ghajr ghal meta l-iskola kkomunikat mieghu li jista' jkun kien hemm problema bejn tifel partikolari u l-akkuzat. Jixhed li dak iz-zmien il-vannijiet li kienu jittrasportaw tfal tal-iskejjel tal-Knisja u tal-privat ma kienx ikollhom supervisor mentri skejjel tal-primarja tal-Gvern kien ikollhom. Jixhed li kien ircieva komunika minghand Conrad Zarb u certu Jacob li jiehdu hsieb il-logistika u gibdulu attenzjoni ghal tpingija li wettaq tifel partikolari u tali tpingija kellha l-ghan li jwegga' lill-akkuzat. Jixhed li dan it-tifel huwa l-minuri -Omissis- li kien joqghod il--Omissis-. Jixhed li s-sitwazzjoni tant kienet eskalat li fil-fatt kien anke cempel lill-omm il-minuri sabiex twissih milli jkompli jagixxi b'dan il-mod. Jiftakar li fil-fatt l-omm stqarret mieghu li l-missier kien jghix barra minn Malta u kienet qieghda fil-fatt tibki hi u tirrakkonta s-sitwazzjoni taghha tramite telefonata. Jixhed li llum il-gurnata m'ghadux joffri s-servizz tieghu l-iskola tal-minuri stante li kien hemm operatur iehor li kien iktar vicin tali skola. Izid jghid li anke l-operatur il-gdid kien jaf bl-imgiba tal-minuri inkwistjoni.

Ikompli jghid li l-akkuzat ghadu jahdem bhala xufier izda jevita kull tip ta' xoghol li jinvolvi t-trasport tal-minuri. Izid jghid li

kemm qabel l-allegat incident, kif ukoll wara, l-akkuzat qatt ma tah inkwiet. Izid jghid li jekk ikun hemm ilmenti minhabba certu tfal, il-haddiema tieghu gieli jkellmuh direttament jew inkella lil wiehed Jacob li huwa ta' nazzjonalità Indjana. Jikkonferma t-tpingija hija dik li tinsab immarkata bhala Dok. DT1.

Inkontroezami jghid li hu qatt ma rcieva struzzjonijiet minn ghalliema sabiex il-minuri -Omissis- joqghod bilqieghda fuq quddiem tal-vann. Jikkonferma li kien hemm zmien li mal-akkuzat kien ikun hemm xufier bl-isem ta' Jos li kien qieghed jinghata l-istharrig sabiex ikun isuq il-vann hu. Jghid li kien ikun l-akkuzat li qieghed isuq filwaqt li Jos kien ikun qieghed jitghallem ir-rotot. Ma jiftakarx meta l-licenzja tas-sewqan tal-akkuzat iggedded. Jghid li t-tigdid tal-licenzji tas-sewqan huwa pjuttost burokratiku u dak iz-zmien kienu ghadhom qeghdin jidraw jahdmu b'xufiera u haddiema barranin. Izid jghid li fl-ahhar mill-ahhar rigward id-dixxiplina fuq il-vann, ix-xufier ghandu jiehu decizjoni dak il-hin billi jew jikkomunika mal-principal tieghu jew inkella mal-genituri u dan minkejja li hemm ir-riskju li t-tfal ma jaslux id-dar fil-hin.

Illi xehed **Conrad Zarb** li jghid li hu jiehu hsieb l-operat tal-kumpanija MT Logistics PMS ghal dak li jirrigwarda t-trasport ta' passiggieri. Izid li l-akkuzat huwa impjegat fil-kumpanija. Jixhed li fuq l-allegati reati hu jaf li kien hemm tifel partikolari li kien iqajjem l-inkwiet. Jixhed li sar jaf minn certu Jacob li jahdem fil-kumpanija wkoll u li tali tifel huwa l-minuri -Omissis-. Jixhed li Jacob spjegalu kif il-minuri kien qieghed jaghmel xoghol l-akkuzat ferm difficli. Jixhed li kien infurmat li l-istess minuri kien ghamel tpingija li tinsab a fol. 31 tal-atti processwali bhala mod biex jinsulenta lill-akkuzat. Jixhed li hu u l-kumpanija qatt ma kellhom problemi mal-akkuzat u l-akkuzat ma kienx iqajjem problemi. Jixhed li kien hemm zmien meta haddiem iehor bl-isem ta' Jos kien qieghed jirkeb mal-akkuzat fuq il-vann sabiex jitghallem ir-rotta.

Illi xehed **Jacob Chandy Linto** bil-lingwa Ingliza li jghid li hu jaf lill-akkuzat stante li kien jahdem mieghu fl-istess kumpanija u cioè MT Logistics. Jixhed li hu kien jiehu hsieb ir-reklutagg ta' haddiema Indjani. Jixhed li hu kien Night Operations Manager. Jghid li hu kien jiehu hsieb shuttle service mill-Ajruport. Jixhed li l-akkuzat intaghzel bhala xufier u dan wara li wettaq it-tahrig tieghu. Jixhed li l-istharrig dam bejn tlieta (3) u erba' (4) xhur u

ghalhekk l-akkuzat intghazel biex ikun xufier ta' trasport tal-iskola kif ukoll ta' passiggieri tal-ajruport. Jixhed li bhala lmenti rigward l-akkuzat hu kien jircievi lmenti rigward il-fatt li gieli kien ikun tard izda dan kien minhabba t-traffiku u cioè xi haga li ma setax jikkontrolla. Jispjega li l-haddiema kienu jikkomunikaw mieghu u hu kien jikkomunika ma' ta' fuqu. Jixhed li kien hemm drabi meta x-xufiera kienu jilmentaw dwar l-agir tat-tfal fuq il-vannijiet tal-iskola. Izid jghid li l-akkuzat kemm-il darba kien jilmenta rigward l-atteggjament tat-tfal fuq il-vann tieghu. Jixhed li t-tfal kienu ta' spiss jiggieldu bejniethom u anke jobzqu. Jixhed li l-minuri -Omissis- kien dejjem jaqla' l-inkwiet u dan minhabba l-fatt li kien jiggieled ma' tfal ohra fuq il-vann. Izid jghid li kemm-il dabra l-genituri tat-tfal kienu jkunu rrabjati mal-akkuzat stante li t-tfal taghhom kien ikollhom griehi minn tfal ohra. Jixhed li l-genituri ta' -Omissis- u l-ghalliema kienu hadu d-decizjoni li dan jibda jpoggi bilqieghda fuq quddiem tal-vann. Dak iz-zmien l-akkuzat ma kienx qieghed isuq stante li skadiet il-licenzja u ghalhekk kien qieghed isuq xufier iehor u cioè Jose. Jghid li l-minuri aktar beda jaqla' inkwiet fuq quddiem ghall-akkuzat sal-punt li wasal biex jaghmel tpingija (fol. 31) sabiex jinsulentah. Jghid li l-ghada li sehhet it-tpingija l-akkuzat iltaqa' ma' missier

il-minuri sabiex jaccerta ruhu kif inhu l-istess minuri stante li ma kienx rikeb il-vann filghodu.

Inkontroezami jixhed li l-ghalliema u l-genituri tal-allegat vittma minuri kienu kkomunikaw direttament mal-akkuzat sabiex l-istess jkun jista' jibda jpoggi bilqieghda fuq quddiem tal-vann.

__Ikkunsidrat__

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet __Il-Pulizija vs Emad Masoud__ gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)*

*(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid*

*tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali ngabru tul il-proceduri u dan minhabba l-fatt li l-kaz kollu jistrieh fuq il-verzjoni tal-minuri -Omissis- vis-à-vis dik tal-akkuzat odjern. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *""Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak*

*li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna minorenni kif sancit mill-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi reat iehor li jinsab akkuzat bih l-imputat huwa dak ta' korruzzjoni ta' minuri kif dettat mill-Artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*

*Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*a. jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fizika, kif ukoll dik psikologika".*

Illi kif digà accennat, dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni versu dik tal-akkuzat li minn dejjem innega l-akkadut. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza x-xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità tieghu bhala xhud u l-veracità tal-istess testimonjanza.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija

mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici**</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the*

*temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

[1] Emfazi tal-Qorti

Illi fit-tieni lok u fl-ambitu tal-kredibilità ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma onlajn **HEINONLINE** ppublikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament publikazzjonijiet minn *Albany Law Review* tas-sena 1993 fejn intqal is-segwenti:

*"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*

*Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother had done to him, a 7-year-old boy of borderline intelligence placed the*

*head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the hind parts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri -Omissis- kien ta' età zghira meta ta x-xhieda tieghu, din il-Qorti, hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesta mil-ligi u cioè li tali xhud ikun jaf l-importanza li jghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehem li ried jghid tali verità. Illi l-Qorti setghet ukoll tosserva mill-komportament tal-istess minuri -Omissis-, li dan huwa tifel intelligenti hafna u li kien konxju tal-lok fejn kien u tar-raguni li hu kien hemm.

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad li kif digà ntqal dan huwa tifel intelligenti ghalkemm pjuttost ta' eta' zghira li kif hareg ampjament mill-provi tul dawn il-proceduri huwa kellu espozizzjoni pjuttost kbira fejn dak li ghandu x'jaqsam gharfien ta' mossi u kliem mhux xierqa ghal tifel tal-eta' tieghu. Dan hareg b'mod car anke mill-fatt illi sija hu kif ukoll tfal ohra subien kienu juru l-parti taghhom jew il-warrani lejn xulxin. Dan qed jinghad ghaliex b'din ir-retroxena dwar il-karattru tal-minuri, kienet tkun aktar facli u naturali li jivvinta din it-tip ta' qlajja' fuq persuna li kienet qieghda ddejqu. Illi dan ikkonfortat mal-fatt illi l-akkuzat kien kredibbli u konsistenti fil-verzjoni tieghu mill-bidu tal-investigazzjoni sal-proceduri meta huwa ghazel li jixhed minn jeddu fejn huwa cahad kategorikament l-akkuzi li qeghdin isiru fil-konfront tieghu filwaqt li offra perspettiva pjuttost differenti fir-rigward tal-karattru tal-allegat vittma minuri.

<u>Illi argument iehor favur il-kaz tal-akkuzat huwa l-fatt li l-informazzjoni u l-materjal fuq ic-cellulari tal-istess akkuzat m'ghandhom ebda konnessjoni u rabta mal-akkuzi li gie mixli bihom u lanqas ma jitfghu xi dell li l-akkuzat seta' hu xi pedofilu</u>

u dan wara li din il-Qorti fliet ir-rapporti prezentati mill-espert mahtur Keith Cutajar a fol. 207 u 247 tal-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista’ temmen u f’xiex u dan *multo magis* f’dawn it-tip ta’ kawzi meta jkollok verzjoni ta’ minorenni versu verzjoni ta’ persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat li bih huwa addebitat l-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni ’l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova

l-prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-*

*persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2] fejn gie ritenut illi:

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

*Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-*

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi jinghad li l-verzjoni tal-minuri ma tistax titiqies bhala wahda korretta u certa u dan stante kontradizzjoni lampanti u cioè li a fol. 47 tal-atti porcesswali l-vittma minuri jghid li kien l-akkuzat li qallu biex joqghod fuq quddiem mentri a fol. 53 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Magistrate:* | *But was there someone who told Shambu to make you sit in the front or maybe the teacher or the head teacher?* |
| *-Omissis-:* | *The headmaster."* |

Illi l-allegat vittma minuri stess jammetti diversi drabi matul x-xhieda tieghu li hu kien ikun involut f'diversi glidiet ma' tfal ohra fuq il-vann mertu tal-kawza.

Illi din il-Qorti tinnota li l-akkuzat mill-bidu nett kien dejjem jinsisti li l-allegati reati qatt ma sehhew. Dan anke stante l-fatt li din il-verzjoni tohrog cara mill-istqarrija tal-akkuzat li kien ta' b'mod liberu fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena 2023. Ghandu jinghad li f'dan l-aspett l-akkuzat dejjem baqa' konsistenti u fl-ebda mument ma ttenta li jbiddel il-verzjoni tieghu sabiex joskura l-verità.

Illi di più fil-proceduri l-akkuzat kien ta xhieda pjuttost dettaljata dwar kif tkun gurnata tipika tieghu ma' tfal tal-iskola. Tali xhieda weriet bic-car li hu kien dejjem jiskontra problemi ta' dixxiplina u specjalment fil-konfront tal-vittma minuri li kien ghamilha l-missjoni tieghu biex jaghmel hajtu infern. Referenza hawnhekk qieghda ssir ghat-tpingija li giet ikkonfermat minn diversi xhieda a fol. 31 tal-atti processwali.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li tali tpingija saret mill-vittma minuri mhux bhala mod biex jesprimi lilu nnifsu ghal dak li qieghed jigi allegat biex jirribella kontra l-akkuzat li kien jipprova jiddixxiplinah u dan bl-ghan li jwettaq xoghlu ta' xufier.

Illi konferma ta' dan l-agir problematiku hareg mix-xhieda tal-kollega tal-akkuzat Jose Vadakkeveliyil Kunjappan li jghid hekk a fol. 345 *et sequitur* tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Xhud (Interpretu):* | *-Omissis- kien jiggieled hafna u t-teachers u l-genituri [ta' -Omissis-] kienu qalulna biex inpogguh fuq quddiem* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Xhud (Interpretu):* | *-Omissis- kien ihobb inehhih is-seat-belt diversi drabi jipprova* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Xhud (Interpretu):* | *Spiss kien ikollu xi cards f'idejh u kien ihobb joqghod iwaddabhom lura, iwaddabhom fuq wara dawn il-cards allura kien spiss jipprova jnehhi s-seat-belt ghax ma jirnexxielux jaghmilha bis-seat-belt.* |

*...*

*Xhud (Interpretu):* *Kien jitkellem hazin u jigbedt xi tnejn."*

Illi di più, minkejja l-fatt li t-testimonjanza ta' -Omissis- kienet ghal kwantu xotta, hareg car li tezisti problema ta' dixxiplina fit-trasport tal-iskola -Omissis-'s u din riflessa anke mill-atteggjament tal-allegat vittma minuri fejn qalet:

*"Dr. Danika Vella:* *Fir-rigward ta' -Omissis- gieli kien hemm fuq it-transport kellek xi complaints fuq il-behaviour tieghu? Kif, kif kien?*

*-Omissis-:* *It-tfal huma tfal. Ahna kien ikollna complaints f'kull vannijiet kwazi kuljum ghax it-tfal huma unsupervised jigifieri ehe huma tfal. Emm jigifieri l-unika .... u nahseb dak huwa l-kaz ta' kull vann."*

Illi però fil-kontroezami taghha l-istess -Omissis- b'insistenza fuq id-difiza xehdet hekk:

| | |
|---|---|
| *Dr. Kris Busietta:* | *X'wasslet biex inti tkellem lil omm biex ikun hemm inqas kaos? Ghaliex?* |
| *-Omissis-:* | *Ghax it-tfal kienu qed jaqbdu bejniethom fuq wara, id-driver qed isuq u jiena ma, jiena d-driver tat-tfal, id-driver ma jistax jikkontrollah, kwalunkwe driver ma jistax jikkontrolla t-tfal x'inhuma jaghmlu wara u iva pogg, poggejnih it-tifel quddiem."* |

Illi b'din ix-xhieda l-Qorti ghandha konferma li, a kuntrarju ta' dak li kien insista -Omissis-, ma kienx l-akkuzat li riedu jpoggi fuq quddiem izda kienet decizjoni tal-iskola sabiex dan ipoggi bilqieghda fil-parti ta' quddiem tal-vann minhabba l-komportament indixxiplinat tieghu.

Illi hija ghal din ir-raguni li din il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat hija iktar kredibbli u veritjiera u dan ghar-ragunijiet li gew spjegati

iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkuzat mil-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat gie akkuzat bil-kontravvenzjoni kif sancit mir-regolament 38 tal-Ligi Sussidjarja 65.33 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi):

> *"Hadd ma jista' jagixxi bhala xufier ta' vetturi zghar ghall-garr tal-passiggieri sakemm ma jkollux permess validu ta' xufier mahrug skont dawn ir-regolamenti."*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti pprezentati minn Dr Christopher Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta. Minn qari okkurat ta' dawn id-dokumenti johrog bic-car li d-data li fiha kienet tiskadi l-licenzja tas-sewqan originali tieghu kienet dik tad-disgha (9) t'April tas-sena 2023. Huwa ghalhekk car li jekk l-akkuzat kien qieghed isuq il-vann mertu tal-kawza kien ikun qieghed jikser id-dispozizzjoni succitata.

Illi però il-Qorti tinnota li matul dawn il-proceduri hareg bic-car li matul iz-zmien ta' bejn April u Gunju l-akkuzat ma kienx qieghed isuq il-vann mertu tal-kawza izda kien il-kollega tieghu Jose Vadakkeveliyil Kunjappan. Dan il-fatt gie anke kkorroborat mix-xhieda ta' Jacob Chandy Linto. L-istess fatt gie kkonfermat mix-xhieda tal-minuri -Omissis- fejn hu stess xehed li l-akkuzat kien qieghed jghin lix-xufier il-gdid billi jhalli lilu jsuq.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkuzat mit-tielet (3) akkuza kif dedotta kontra tieghu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Qorti hija fid-dover li tissottolinea diversi punti li qamu matul il-proceduri odjerni li forsi setghu evitaw li l-affarijiet jaslu sa dan il-punt. Mankanza lampanti da parti tal-iskola inkwistjoni, u forsi anke ta' skejjel ohra, hija l-fatt li fuq il-vann mertu tal-kawza ma kienx hemm persuna mqabbda sabiex tkun ghassa mat-tfal. Huwa car li r-responsabbilità tax-xufier ghandha tkun li jwassal lit-tfal sad-destinazzjoni taghhom bl-iktar mod sigur u responsabbli. Li kieku jizdiedu fuqu r-responsabbilità tad-dixxiplina dan zgur ser

ikun qieghed jimpedixxi sewqan sigur u dan ghad-detriment tat-tfal.

Illi huwa ghalhekk inaccettabbli bl-ispjegazzjoni ta' din il-mankanza mix-xhud -Omissis- a fol. 163 tal-atti processwali fejn qalet hekk:

> *"-Omissis-: e l-kumpanija tat-transport ma ghandhiex x'taqsam maghhom l-iskola.*
>
> *...*
>
> *-Omissis-: Impjegati mis-sistema u mill-genituri. Emm ahna bhala skola sirna nafu mill-genituri li t-tifel, id-driver miss lit-tifel."*

Illi kjarament din id-dinamika zgur ma hiex qieghda tahdem u dan stante l-ezistenza tal-kaz odjern. Il-Qorti tirrakomanda li jittiehdu proceduri anke fuq skala nazzjonali fejn studenti tal-iskola jkunu akkumpanjati minn persuna adulta li tiehu hsieb il-benessere u d-dixxiplina fil-hin li dawn ikunu qeghdin jigu mwassla minn u lejn l-iskejjel rispettivi taghhom. Ezempju wiehed jista' jkun li nuzufriwixxu mill-esperjenza tal-anzjani taghna li jkunu ghadhom

iridu jaghtu servizz fis-socjetà billi jkunu ta' ghajnuna f'dan il-qasam b'mod volontarju.

Illi b'dan però ghandu jinghad illi f'dan il-kaz din il-bidla ma tistax ma ssehhx minghajr il-kooperazzjoni u l-kontabilità tal-genituri. B'referenza ghas-sitwazzjoni tal-minuri -Omissis-, huwa car daqs il-kristall li la l-missier u wisq anqas l-omm tal-istess tifel ma qishom lesti li jammettu u jindirizzaw il-problema ta' dixxiplina tal-istess binhom. Ma jistax ikun li f'mument minnhom l-Assistent Kap tal-iskola tghid li d-decizjoni sabiex -Omissis- joqghod fuq quddiem tal-vann izda fl-istess nifs l-omm tal-vittma minuri tghid hekk:

| | |
|---|---|
| *"Dr. Jason Azzopardi:* | *... Rapport dwar misbehaviour fuq it-tifel -Omissis- kienu waslulkom?* |
| *-Omissis-:* | *Minghand min?* |
| *Dr. Jason Azzopardi:* | *Minghand il-headmistress?* |
| *-Omissis-:* | *Le.* |

*...*

*Dr. Jason Azzopardi:* *Mela x'kienet id-decizjoni jew ta' min kienet id-decizjoni biex it-tifel jibda joqghod fuq quddiem?*

*-Omissis-:* *Ghax ix-xufier qal li kien hemm dawn il-behaviours mhux mill-iskola."*

Illi maghdud ma' dan xejn ma jzomm l-iskola lura milli jqabbdu persuni li joffru supervizjoni fuq it-tfal waqt li jkunu fuq il-vettura ta' transport. Min-naha l-ohra din il-Qorti tittama li dak li xehed Kevin Vella fir-rigward tan-nuqqas tas-sistema ta' CCTV illum il-gurnata sehhet u dan sabiex ikun hemm serhan il-mohh fuq is-sigurtà kemm fuq it-tfal kif ukoll fuq ix-xufiera.

Illi di più attenzjoni trid tingibed li ghandu bzonn ikun hemm komunikazzjoni iktar cara u diretta bejn l-iskola, il-genituri u l-kumpanija li toffri s-sitema ta' transport. Kif digà nghad f'din is-sentenza hareg bic-car li l-minuri -Omissis- kien johloq diversi problemi dixxiplinarji kemm fl-iskola kif ukoll fuq il-vann tal-iskola. Kjarament dawn il-fatturi kollha servew t'ghodda utli ghall-

minuri sabiex ikun jista' jivvinta storja li wasslet ghall-akkuzi odjerni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Shambhu Kunnathu Rejimon** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Di più l-Qorti qieghda tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Tfal, lill-Ministru ghall-Politika Socjali u d-Drittijiet tat-Tfal kif ukoll lis-Segretarjat ghall-Edukazzjoni Kattolika u dan sabiex jiehdu konjizzjoni ta' dan il-kaz bl-ghan li jindirizzaw in-nuqqasijiet elenkati f'din is-sentenza.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**